NEWSPAPER POST

Il-Belt Victoria

Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex

Marzu - April 2004

Nru 137



Messaġġ minn
**Monsinjur Ġużeppi Farrugia**
Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ

# Parroċċa Attiva

Bħala dixxipli li Ġesù sejħilna biex naħdmu fl-għalqa tiegħu, aħna għandu jkollna xeħta ta' ottimiżmu. Għal huma x'inhuma, u huma kemm huma, id-diffikultajiet li jġarrbuna, aħna għandna lil Ġesù li diġa' għeleb kull tiġrib u li jagħmel tajjeb għad-dgħufijiet tagħna. Fuq kollox irridu niftakru li l-ewwel responsabbiltà fil-bini tas-saltna żamm Ġesù nnifsu għalih innifsu.

## L-Impenn fil-Parroċċa

Madankollu rridu noqogħdu b'seba' għajnejn li ma naqgħux fl-iżball ta' min jgħid: Jiena nagħti sehmi kif naf, nagħti li nista' u għall-bqija jaħseb "Hu"! Raġunar bħal dan jista' jfisser li nkunu nsara bla sinsla, nsara li napprofittaw kemm nistgħu biex infarfru r-responsabbiltà għall-ħidma ta' l-appostolat li taqa' fuqna lkoll, ibda minna s-saċerdoti.

Min-naħa l-oħra hemm periklu ieħor li jiena, personalment, nibża' minnu aktar mill-bard ta' bona. Hu l-periklu tal-"kompjaċenza", jiġifieri ta' dawk li jirraġunaw u jgħidu: Mhux kollox miexi? Sikwit nisma' minn hawn u minn hemm, speċjalment mingħand barranin li jafuna, kemm għandna "Parroċċa ħajja", kemm għandna "knisja dejjem mimlija bin-nies", kemm qed isiru "proġetti kbar", kemm ikollna "funzjonijiet mill-aqwa" u x'naf jien, bil-periklu li dan id-diskors jista' jimlielna rasna li kollox miexi sew, m'għandniex x'jinkwetana u rasna mistrieħa.

Issa dan hu periklu djaboliku għax jekk nikkuntentaw ruħna kif aħna, qatt ma nsiru aħjar u l-Parroċċa ssir bħall-melħ li jkun qata'. Iż-żmien tar-Randan hu żmien li fih qed nidħlu fina nfusna u ż-żmien ta' l-Għid hu żmien li fih għandna nġeddu ruħna. Qed nagħmluh dan? U mhux biss fl-individwalità tagħna imma anki bħala komunità nisranija?



# L-GĦID IT-TAJJEB

## Il-Jiem Solenni ta' l-Għid

Diġa' għandkom f'idejkom il-programm tal-Ġimgħa Mqaddsa li l-Parroċċa, bħala ċellula tal-Knisja lokali, qed tissottomettilkom bi gwida ħalli nkunu nistgħu ngħixu flimkien, bl-aħjar mod, il-ġrajja tat-tbatija, il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù għall-imħabba tagħna.

Ma nistax ma nagħmlilkomx appell biex tagħżlu li tiċċelebraw din il-ġrajja fid-dar vera tagħna li hi l-Bażilika ta' San Ġorġ.

F'din il-knisja niltaqgħu mas-sinjali sagramentali kollha tal-ħajja tagħna bħala nsara: hija l-benniena li fiha tgħammidna, id-dar li fiha rċivejna l-konfirmazzjoni fl-Ispirtu s-Santu, it-tempju li sa mill-qedem ospita tabernaklu bl-Ewkaristija Mqaddsa li hi l-għajn tal-ħajja tal-grazzja, iċ-ċentru li fih jiltaqgħu l-insara tagħna bħala komunità parrokkjali u li fih ukoll jagħtu merħba lil insara oħra li jkunu jixtiequ jingħaqdu magħhom għaċ-ċelebrazzjonijiet qaddisa, l-imkien li laqa' l-fdalijiet ta' l-għeżież tagħna, u li nittamaw li għad jilqa' wkoll dawk tagħna fi triqhom lejn l-oqbra tagħna u, fuq kollox, il-knisja ta' San Ġorġ hija l-għamara fejn bi dritt nistgħu nħossuna ta' ġew u f'darna.

Għalhekk, inħeġġiġkom biex ngħożżu din il-knisja parrokkjali tagħna u ma nibdluhiex bla raġuni serja.

## San Ġorġ t'April

Aħna għandna lil San Ġorġ "ta' Lulju" u lil "San Ġorġ t'April". Tabilħaqq, San Ġorġ hu ta' kuljum u l-vera mħabba lejn tidher f'kemm infittxu ta' kuljum l-eżempju u l-interċessjoni tiegħu. Madankollu, it-23 ta' April huwa jum għażiż.

*ikompli f'paġna 8*

# IL-BELT VICTORIA

Rivista ta' kull Xahrejn



Ufficċju Editorjali: **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.**
Tel: 21 55 63 77 • Fax: 21 55 69 81
email: info@stgeorge.org.mt
web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM


**MARRU JINGHAQDU MA' KRISTU RXUXTAT**

| | |
|---|---|
| 20.02.04: Carmelo Portelli | 02.03.04: Gużeppi Casha |
| 23.02.04: Gużeppi Farrugia | 06.03.04: Vitorina Grech |
| 23.02.04: Frances Micallef | 12.03.04: Victor Camilleri |
| 24.02.04: Doris Mizzi | 13.03.04: Tarċisju Zammit |
| 25.02.04: Gużeppi Farrugia | |

| ***Donozzjonijiet għar-Rivista*** | | |
|---|---|---|
| | John Borg | 20 Can. $ |
| | Mons Coromato Grima | 40 Stg |
| | Nick Gatt | Lm2 |



## Miet Frank Portelli

Nhar is-Sibt 14 ta' Marzu 2004 tħabbret il-mewt ta' l-artist u pittur Malti Frank Portelli fl-età ta' 81 sena. Il-karriera tiegħu ta' 'l fuq minn 60 sena ratu jiddistingwi ruħu mhux biss fil-qasam artistiku ta' pajjiżna imma anke f'dak ta' l-*interior design* b'għadd sabiħ ta' xogħolijiet li għamel f'lukandi, *nightspots*, swali ta' konferenzi, knejjes u saħansitra residenzi privati.

F'Għawdex l-aqwa xogħol li ħalla warajh huwa bla dubju il-kumpless tas-Soċ. Fil. La Stella, partikolarment it-Teatru Astra. Tiegħu kien id-disinn u d-dekor tat-teatru li baqa' mfakkar sallum bħala "il-ġawhra tas-snin sittin".

Ta' min jgħid li wara l-inċident tal-ħruq tat-Teatru Astra fit-8 ta' Novembru li għadda, is-sur Portelli kien ġie fostna sabiex jara l-intensità tal-ħsara li saret u jagħti l-pariri tiegħi dwar l-aħjar mod li bih għandu jitmexxa l-pjan ta' rikostruzzjoni tas-sala tat-teatru. Xtaq li kieku seta' jagħti l-kontribut tiegħu f'dan il-pjan, imma saħħtu ma ppermettitlux.

Permezz tar-rivista LEĦEN IL-BELT VICTORIA nixtiequ nwasslu l-kondoljanzi tas-Soċ. Filar. La Stella lil martu Rosa, uliedu Henri u martu Marisa, Simone u t-tfal tagħha Albert u Stefan, Sharon u r-raġel tagħha Mark, lil ħutu u l-familjari kollha tiegħu.

*Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.*

# Editorjal

## L-GĦID IL-KBIR

Wasalna biex nagħtu bidu għall-Ġimgħa Mqaddsa. L-iktar ġimgħa għażiża u sinjifikattiva li għandna matul is-Sena Liturġika.

Dan wara ż-żmien qawwi tar-Randan li matulu l-Parroċċa tagħna offritilna kull opportunità possibbli biex nagħrfu l-iżbalji li forsi konna qiegħdin fihom u nerġgħu lura fi ħdan il-Missier, li tant iħobbna u li tant jilqagħna u jħaddanna miegħu jekk aħna nuru sobgħa bis-serjetà tan-nuqqasijiet tagħna. Kellna opportunitajiet sbieħ b'korsijiet ta' eżerċizzi minn predikaturi magħrufa. Kellna ċans nieħdu sehem attiv fit-Talba ta' l-Għasar kull nhar ta' Ħadd. Kellna sieghat ta' riflessjoni quddiem Ġesù Sagramentat kif ukoll ersaqna bil-qima lejn ir-relikwija tas-Salib Imqaddes li bih l-Imgħallem tagħna Ġesù Kristu fdiena mill-jasar tad-dnub.

Jekk xi ħadd baqa' lura u ma sabx ħin biex minn dan ir-Randan li dalwaqt jasal fi tmiemu, m'għandux jaqta' qalbu. Ġesù jibqa' ifittex in-nagħaġa l-mitlufa sa l-aħħar mument. Qatt m'hu tard mal-Missier ħanin tagħna. Qatt m'hu ser jgħdilna kemm domt taħsibha. Qatt m'hu se jċanfarna. Qatt m'hu ser jgħajjat magħna. Anzi jilqagħna bil-ferħ u jagħmlilna festa. Il-ftit ġranet li fadal sakemm niċċelebraw il-Qawmien mill-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu għandhom jimlewna bil-kuraġġ biex b'qalb niedma u sogħbiena nerġgħu lura mingħajr biża'.

## FESTI ĊENTINARJI

Nhar it-23 t'April li ġej ser jiġu fi tmiemhom il-Festi Ċentinarji fl-okkażjoni tas-Sabatx-il Mitt Sena mill-Martirju tal-Patrun t'Għawdex u Protettur ta' Beltna San Ġorġ.

Kienu festi li mlewna b'entużjażmu mhux komuni. Festi li ferrħu l-qlub ta' kulħadd. Festi li komplew iheġġu d-devozzjoni kbira li sa minn mijiet kbar ta' snin ilu dejjem imliet il-qlub ta' l-Għawdxin u tal-Komunità Parrokkjali tagħna.

Minn kull aspett kienu Festi Ċentinarji li rnexxew u li kienu ta' valur kbir. Kienu ta' valur għax ma ħarisniex biss lejn ċelebrazzjonijiet popolari, imma wkoll lejn inizjattivi oħra li żgur taw il-frott tagħhom. L-esperjenzi ta' l-attivitajiet fil-qasam kateketiku, fil-qasam ekumeniku u fil-qasam tal-kultura, kienu esperjenzi li ser iħallu frott kbir f'kull min ħa sehem fihom.

Ma tistax tħalli barra u ma ssemmix s-sehem tad-Djoċesi f'dawn il-Festi Ċentinarji. B'radd ta' ħajr insemmu l-Pastorali ta' l-E.T. Mons Isqof Nikol Ġ. Cauchi, Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan, is-sehem attiv tal-Kapitli kollha tad-Djoċesi u s-sehen ta' Kardinali u Isqfijiet li ħadu sehem f'dan il-Festi. Mhux l-inqas però kien mument mill-isbaħ il-miġja fostna tar-Relikwija Nsinji tal-Qorriegħa ta' San Ġorġ li nġabet bil-Bażilika tiegħu ta' San Giorgio al Velabro li kompliet tagħni dawn il-Festi kbar.

J'Alla dawn iċ-ċelebrazzjonijiet li għamilna jibqgħu jagħtuna dik il-ħeġġa li kellu San Ġorġ li mingħajr biża' u tlaqlieq offra ħajtu għal twemminu.

# THE PASSION OF THE CHRIST

*Kummenti:* MONS LAWRERNZ SCIBERRAS (biblista)

Il-flim, bibliku u speċjali *"The Passion of the Christ"* matul dawn il-jiem tar-Randan qed jintwera fis-swali tal-films tagħna. Film li huwa twil sagħtejn sħaħ, film li letteralment isammrek mas-seat tiegħek, film li jiġbdek ħafna biex tara, tħoss u temmen il-verità. Film li għandek tasal biex tara u tifhem kemm huwa ikraħ id-dnub tal-bniedem, id-dnub li wassal lil Ġesù biex jifdina imma b'din il-manjera, tant li waslitu biex sar qisu "imġiddem".

Dan il-film ikopri fih l-aħħar tmintax-il siegħa ta' ħajjet - almenu hekk nikkonkludi jien- Ġesù. Għaliex jekk Ġesù flirnkien mall-ħdax kien fii-ġnien tal-Ġetsemani għall-ħabda tad-9.00 ta' fil-għaxija, u dan dam sa l-għada l-Ġimgħa fit-3.00 p.m. il-ħin tal-mewt tiegħu, allura bilfors li jiġbor fih dawn in-numni ta' siegħat.



## X'fih dan il-film?

Mel Gibson jiġbor f'dan il-film tiegħu l-aħħar xena ta' ħajjiet Ġesù. Mela (a) jibda bix-xena fil-ġnien tal-Ġetsemani, (b) il-qorti reliġjuż quddiem is-Sinedriju, (c) il-qorti ċivili quddiem il-prokuratur Ruman Ponzju Pilatu, (d) ix-xena mimlija daħk sarkastiku meta lil Ġesù ħaduh għand Erodi, (e) mill-ġdid quddiem Pilatu, pero' din id-darba bix-xena tremenda tal-flaġellazzjoni, u l-għażla bejnu u bein Barabba, (f) il-mlxja tqila u mwiera lejn il-Kalvarju, hawn tidħol il-Madonna, Marija Maddalena, u Xmun minn Ċirene, (g) ix-xena pragmatika tat-tislib u l-mewt ta' Ġesù, (h) u fl-aħħar Ġesù li ħdan ommu Marija.

Prattikament aħna li mdorrijin nisimgħu l-qari ta' l-Evanġelju, li nagħmlu l-Via Sagra, li naraw ix-xeni matul il-purċissjonijiet, dawn il-fatti ftit jew wisq imdorrjin bihom. Però f'dan il-film Mel Gibson ried joħroġ bil-qawwa kollha u mingħajr ebda ħniena u rispett ta' ħadd u ta' xejn it-tbatijiet tremendi, x-xeni ta' moħqrija u mibgħeda fl-ogħla grad, it-tixrid tad-demm, li għadda rninnhom Ġesù matul dawk l-aħħar siegħat tiegħu. Gibson ried jaqta' minn saqajh u jixxokkja waħda sewwa lill-ispettatur. Naħseb, anzi jien perswaz, li dan il-għan Gibson laħqu sew. Il-mibgħeda ħadra tal-Lhud u xejn anqas tar-Rumani dehret sew fdan il-film kapolavur.

## Fil-Ġetsemani

U ngħid għaliex. Il-film jiftaħ b'Ġesù fil-ġnien tal-Ġetsemani. Hawn tidher fl-aqwa tagħha d-dwejjaq morri u ħorox li Ġesù kien qed iġorr, iħoss u jipprattika. Fil-Ġetsemani, Ġesù letteralment daħal fl-agunija, mela l-aħħar kumbattiment, u Gibson għamel sew meta ġab lil Ġesù b'demm qawwi aħmar nieżel iġelben ma' wiċċu. Ma ninsewx li bid-dwejjaq li Ġesù ħass fil-ġnien. inqatewlu l-vini ta' moħħu u ħariġlu ħafna demm tant li Luqa jkompli igħid "iċarċar sa l-art" (Lq 22,44). U hawn Gibson kien preċiz u fidil għall-Evanġelju. Naqbel perfettament.

## Il-flaġellazzjoni tar-Rumani

Xena li tieħu madwar 10 minuti. Kull min ra il-film, ħareġ bl-istess konklużjoni. Forsi deher xi ftit iżżeijed ix-xita ta' daqqiet bla ebda ħniena, s-sadiżmu li wrew is-suldati Rumani waqt li kienu jsawwtu lil Ġesù. Kif ukoll iż-żewġ kwalitajiet ta' flaġelluni li wżaw biex bihom isawwtu lil Ġesù. Pero' hawn ma nixtieqx li niftiehem ħażin. U ħalli infisser ruħi. lbda biex Orazju li ll-flaġellazzjoni tar-Rumani kien iseiħilha "orribile flagellum",jiġifieri swat orribli u ta' ebda ħniena. (Ara l-ktieb tiegħi "L-Aħħar Ġimgħa ta' Ġesù", paġna 112). Ir-Rumani li kienu jikkmandaw huma fil-Palestina, ma riedux inkwiet, tixwix, ġlied, serq, eċċ. Huma kemm jista' ikun riedu li n-nies jgħixu kwieti u fis-sliem. Għalhekk jekk xi ħadd jinqabad ixewwex, u toħroġ li dan it-tali jingħata il-flaġellazzajoni biex jitgħallem, allura dawn is-suldati kienu jisfugaw ir-rabji u l-ħdura kollha tagħhom fuq il-povru bniedem ifflaġellat. Sewwa nżid ngħid li n-nurnru ta' daqqiet ma kenux jiġu mgħoduda.

Issa Ġesù sab ruħu f'idejn dawn is-suldati Rumani, u li kienu jkunu ttrenjati sew kif jagħtu s-swat. Suldati mill-aktar b'saħħithom u godlin għal dan il-kwalità ta' xogħol. Allura nħalli għall-qarrej biex jasal u jikkonkludi liema ħdura huma sfugaw mal-ġisem imqaddes ta' Ġesù. L-art fejn Ġesù ġie ifflaġellat saret għadira waħda ta' demm. Naħseb u naqbel li dan ukoll kien veru u reali. Interessanti kif wara l-flaġellazzjoni, tidħol Marija, imsieħba ma' Marija ta' Magdala u b'devozzjoni kbira jimsħu d-demm li xtered fl-art tal-pretorju.



Ikompli f'paġna 6

# Tifkiriet taċ-Ċentinarju Ġorġjan

■ Dun Ġużepp Gauci

## Daħla

Il-Festi li saru f'pajjiżna u f'inhawi differenti tad-dinja biex ifakkru is-Sbatax-il Mitt Sena mill-Martirju ta' San Ġorġ (A.D. 303-2003), huma diġa fihom infushom tifkira xierqa ta' din l-okkażżjoni kbira. Iżda f'din il-kitba tiegħi fi ħsiebi nsemmi xi tifkiriet li, 'l hawn u 'l hinn, se jibqgħu jfakkru għal dejjem is-17-il Ċentinarju tal-Megalomartri. Biex nitlaq minn Għawdex tagħna, kellna l-publikazzjoni tat-tnax-il numru tar-rivista "San Ġorġ" li qed toqrob għall-aħħar harġiet tagħha, u li żgur se tibqa' bħala tifkira dejjiema, f'forma ta' enċiklopedja Ġorġjana, ta' dan iċ-Ċentinarju. Ta' min isemmi l-ewwel ktieb minn tlieta li jiffurmaw opra ta' Aġjografija Ġorġjana mill-Arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia, kif ukoll il-ktieb "San Ġorġ, Martri ta' Kristu" ta' P. Ġorġ Aquilina O.F.M., ippublikat mill-Uffiċċju Parrokkjali San Ġorġ Martri ta' Ħal Qormi. Kien hemm ukoll is-sett ta' Bolli dwar pitturi ta' San Ġorġ, ippublikati fit-23 t'April 2003. Hemm il-ħsieb li qed jimmatura mhux ħażin, tal-bieb tal-bronż tal-Bażilika tal-Belt Victoria, li żgur jibqa' tifkira dejjiema oħra ta' din l-okkażżjoni. Iżda, f'din il-kitba tiegħi, irrid insemmi xi tifkiriet oħra 'l barra minn xtutna.

## Fil-Katalunja

Fil-bini tal-Parlament tal-Katalunja, Provinċja awtonoma ta' Spanja, fid-9 ta' Settembru 2003, ġiet inawgurata statwa kbira fil-bronż indurat li turi lil San Ġorġ, f'xebh ma' l-istatwa tad-Donatello li hemm Firenze. Din l-istatwa hi xogħol l-iskultur Katalan Jassans u tqiegħdet f'ras it-taraġ ewlieni tal-Parlament. Il-Promotur ta' din it-tifkira taċ-Ċentinarju Ġorġjan kien Narcis Sayrach, President tal-għaqda "Amics de Sant Jordi" li hemm f'Barcellona. Infatti dan Narcis Sayrach, ġie mogħti l-onorifiċenza "Creu de Sant Jordi" (is-Salib ta' San Ġorġ) mill-Parlament tal-Katalunja, bħala għarfien tal-hidma tiegħu b'risq il-Katalunja u b'risq San Ġorġ, Patrun tagħha.

Matul is-sena 2003, ġiet imnedija kampanja ta' ġbir ta' fondi mill-"Amics de Sant Jordi" biex titwaqqaf statwa kbira ta' San Ġorġ fil-Knisja monumentali tas-"Sagrada Familia" ta' Barcellona. Din il-Knisja li għadha mhix lesta hi opra ta' l-iskultur magħruf Anton Gaudi'. L-istatwa ta' San Ġorġ li se titqiegħed fiha 'l quddiem se ssir fil-bronż mill-iskultur Josep M. Subirachs u se tkun għolja tliet metri.

## F'Reggio Calabria

Il-Belt ta' Reggio Calabria, fl-Italja fakkret is-17-il Ċentinarju tal-Martirju ta' San Ġorġ b'ċelebrazzjonijiet diversi. Iżda dak li se jibqa' jfakkar għal dejjem dan iċ-ċentinarju glorjuz hu "ikona" li tqiegħdet fil-Knisja ta' "San Giorgio Extra" f'din il-Belt li tqim lil San Ġorġ Martri bħala Patrun tagħha u li ġġib ix-xbieha tiegħu fuq l-istemma tagħha.

L-ikona turi lil San Ġorġ bħala suldat fuq żiemel abjad fi ġlieda mad-dragun tal-ħażen. Il-Martri Rebbieħ hu muri fi qbil perfett mal-misteru paskwali ta' Kristu. L-"id il-leminija" li mill-kantuniera ta' fuq qed tbierek hi sinjal tal-qawwa divina li bla waqfien issieħeb lin-nisrani fit-taqbida spiritwali tiegħu. L-ikħal tal-libsa flimkien ma' l-aħmar tal-mantell li fih hi mkebba, juru l-umanità tan-nisrani mdawra mid-divinità ta' Kristu li tiegħu, bħala l-Haruf maqtul u rebbieħ, hemm simbolu fil-medaljun li jidher isaħħaħ sider San Ġorġ. Iż-żiemel abjad tal-qawmien rebbieħ ta' Kristu li fuqu l-Martri jirbaħ il-qawwa u d-dlam tal-ħażen bl-għajnuna tas-Salib f'ras il-lanza li biha jinfed lid-dragun, jimla ċ-ċentru ta' l-ikona, xogħol l-artist reggin, Giovanni Raffa. Fl-isfond tidher Reggio Calabria bil-Kattidral tagħha li f'San Ġorġ, ir-rebbieħ nisrani, tista' tkompli tibni ġejjieni mmexxi mill-qawwa paskwali ta' Kristu.



*L-istatwa l-ġdida fil-Parlament tal-Katalunja. Mix-xellug jidhru Narcis Sayrach ta' l-"Amics de Sant Jordi", il-President tal-Parlament, u l-iskultur Jassans.*

Din l-ikona tbierket fit-23 ta' April 2003 mill-Arċisqof Metropolita ta' Reggio, Mons. Vittorio Mondello fil-presenza ta' l-awtoritajiet ċivili u n-nies tal-Belt. Fl-omelija ta' l-okkażżjoni, l-Arcisqof Mondello, fost l-oħrajn stqarr: *"San Ġorġ, anke llum, għandu ħafna x'jgħid bix-xhieda tal-fedeltà tiegħu għal Kristu, li biha affronta l-mewt. Hu, f'ħajtu, tqabad kontra l-ħażen, - issimboleġġjat mid-dragun - u l-eżempju tiegħu hu għalina ta' qawwa kbira biex nimpenjaw ruħna fit-taqbida kontra l-ħafna forom ta' ħażen tas-soċjetà ta' żminijietna".*

## Fi Treviolo ta' Bergamo

Anke hawn, f'dan il-Comune li fih hemm l-eqdem Knisja Parrokkjali dedikata lil San Ġorġ Martri f'Bergamo (diġa' hi msemmiha fis-sena 929), saru festi xierqa fl-okkażżjoni tas-17-il Ċentinarju tal-Martirju tal-Qaddis Patrun. Iżda dak li se jibqa' jfakkar għal dejjem dan iċ-Ċentinarju f'din il-Parroċċa hi l-istatwa ġdida ta' San Ġorġ fl-injam, xogħol l-iskultur gardeniz, Goffredo Moroder. San Ġorġ hu ppreżentat wieqaf fuq id-Dragun bil-lanza f'idu l-leminija u bil-palma fix-xellugija.

L-istatwa ġiet imbierka fil-Knisja Katidrali ta' Bergamo mill-Isqof Awżiljarju, Mons. Lino Belotti, u wara l-quddiesa Pontifikali, ittieħdet lejn Treviolo b'purċissjoni bin-nies bit-torċi mixgħula f'idejhom. Matul ix-xahar ta' Mejju sar programm ta' talb itineranti li matulu l-istatwa daret il-kwartieri kollha ta' Treviolo, bin-nies jorganiżżaw laqgħat ta' talb madwar San Ġorġ Martri.

Fi Treviolo wkoll, inħadmet medalja tal-fidda mid-Ditta "Manenti Guido & figli", bix-xbieha ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel fuq naħa u bil-faċċata tal-Knisja Parrokkjali fuq in-naħa l-oħra. Kopji ta' din il-medalja tqassmu lill-familji kollha tal-Parroċċa ta' Treviolo.

L-istoriku Trevijolan, Dr. Angelo Pesenti, bis-sehem tal-Comune u l-Parroċċa ta' Treviolo, ippublika ktieb sabiħ ħafna dwar il-qaddis Patrun: *"San Giorgio Martire nel XVII centenario del Martirio (303-2003) Storia, leggenda, culto"*, li fih hemm ukoll tagħrif dwar il-kult u l-festa ta' San Ġorġ Martri fil-Paroċċa tagħna.

Hidmiet bħal dawn żgur li jibqgħu tifkira dejjiema taċ-Ċentinarju Glorjuz ta' San Ġorġ.

## Fil-"Comuni San Giorgio" fl-Italja

Bi thejjija għaċ-Ċentinarju Ġorġjan u b'inizjattiva ta' l-industrijalist Gianni Baracchi minn San Giorgio di Mantova, fl-Italja twaqqfet l-Assoċjazzjoni msejħa "San Giorgio e i suoi Comuni" li tiġbor fiha l-Comuni Taljani li jġibu l-isem ta' San Ġorġ li minnhom, fl-Italja kollha jeżistu 42. L-ewwel laqgħa saret fil-Comune ta' Porto S. Giorgio fil-Provinċja ta' Ascoli Piceno, bejn il-21 u t-22 ta' Settembru 2002. Meta mistoqsi għaliex intgħażel dan il-post, Gianni Baracchi wieġeb li jinsab f'nofs triq bejn l-aktar wieħed lejn it-tramuntana, dak ta' Rhemes-Saint-Georges, fil-Val d'Aosta, u l-iktar wieħed fin-Nofsinhar, dak ta' San Giorgio Morgeto, f'Reggio Calabria.

Il-għan ta' din il-għaqda hu li tinżamm ħbiberija fost dawn il-"Comuni" u li tiġi ċelebrata kif jixraq il-Festa ta' San Ġorġ. It-tieni laqgħa saret f'San Giorgio Albanese, provinċja ta' Cosenza, bejn is-17 u t-18 ta' Mejju 2003, filwaqt li t-tielet waħda saret f'San Giorgio di Pesaro, fil-11 t'Ottubru 2003. Fis-sena Ċentinarja u anke fis-sena 2004, ġie publikat Kalendarju artistiku b'tagħrif dwar il-kult u l-ikonografija ta' San Ġorġ f'uħud mill-"Comuni" msemmijin għal San Ġorġ. F'April 2003 inħarġet medalja mdaqqsa tal-bronż b'San Ġorġ fuq iż-Żiemel fuq naħa u bl-ismijiet tal-"Comuni" Ġorġjani fuq in-naħa l-oħra. B'inizjattiva u bit-taħbit ta' "San Giorgio e i suoi Comuni", l-Italja se toħroġ bolla biex tfakkar iċ-Ċentinarju tal-Martirju ta' San Gorg, fit-23 ta' April 2004. Nittamaw li din l-Assoċjazzjoni tibqa' toffri kontribut siewi għall-kult ta' San Ġorġ Megalomartri.

## F'Ġibiltà

Ħafna minna jafu li f'Ġibiltà, iċ-Ċentinarju ta' San Ġorġ Martri ġie mfakkar bil-publikazzjoni ta' żewġ muniti, il-Lira u l-"crown" bix-xbieha ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel fuqhom, u anke b'sett ta' bolli ta' l-okkażżjoni. Ta' min jgħid li madwar ix-xbieha ta' San Ġorġ fuq il-Lira hemm il-kitba bil-Latin *"Amicus Christi Georgius"* li tfisser Ġorġi, il-Ħabib ta' Kristu. Il-bolla ta' Lira u għoxrin cent turi x-xbieha ta' San Ġorġ minn "stained-glass" li hemm fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġużepp f'Ġibiltà, fejn hemm bħala Kappillan, ħabibna Mons. Koronatu Grima li dan l-aħħar ġie maħtur mill-Isqof tal-post bħala Kanċellier tal-Kurja Veskovili.

Barra dan ta' min isemmi l-irħama li tqiegħdet f'din il-Knisja Parrokkjali ta' S.Gużepp, f'Ġibiltà, b'tifkira dejjiema



*L-ikona l-ġdida ta' Reggio Calabria*

tas-17-il Ċentinarju tal-Martirju ta' San Ġorġ. Din l-irħama ġiet inawgurata mill-Prinċep Carlo ta' Bourbon taż-żewġ Sqalliji u Duka ta' Calabrija bħala Gran Prefett ta' l-Ordni Kostantinjan ta' San Ġorġ u mbierka mill-Kardinal Francesco Pompedda, Gran Prijur ta' l-istess Ordni, wara Quddiesa Pontifikali mill-istess Kardinal, fit-23 t'April 2003. Fl-irħama, minbarra skrizzjoni li tfakkar dan kollu, hemm ukoll medaljun bix-xbieħa ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel.

Dawn l-attivitajiet ġorġjani f'Ġibiltà saru bit-tħabrik ta' Mons. Koronatu Grima.

## F'Arcinazzo Romano

F'dan il-Comune li qiegħed fil-provinċja ta' Ruma, ġie ċelebrat b'mod xieraq is-17-il Ċentinarju tal-Martirju ta' San Ġorġ. Infatti bejn ir-3 u t-30 t'Awissu 2003, b'inizjattiva tal-Konfraternità "S. Giorgio M." u l-Assoċjazjoni Kulturali "Ser Cola Bactista" ġiet organiżżata wirja bit-tema *""San Giorgio XVII Secoli di Storia"*. F'din il-wirja kien hemm xbiehat, dokumenti storiċi u oġġetti li jixhdu għax-xhieda ta' San Ġorġ Martri matul ħajtu u matul dawn is-17-il Seklu li għaddew mill-Martirju tiegħu. Kien hemm ukoll xi materjal dwar il-kult ta' San Ġorġ f'Għawdex u Malta.

Fl-okkażżjoni ta' l-inawgurazzjoni tal-wirja, fit-3 t'Awissu 2003, saret "tavola rotonda" li fiha ġew ippreżentati studji diversi minn għadd ta' persuni distinti dwar San Ġorġ. Hemm il-ħsieb li jiġu publikati biex jibqgħu tifkira dejjiema ta' din l-okkażżjoni. Tifkira dejiema oħra hi l-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel li hi meqjuma fil-Knisja Parrokkjali ta' Arcinazzo Romano u li ġiet restawrata għal din l-okkażżjoni mill-artista Simona Troia. Ta' min jgħid ukoll li kemm l-awtoritajiet tal-Parroċċa kif ukoll dawk tal-Comune taw sehem sħiħ fl-organiżżazzjoni ta' dawn it-tifkiriet ċentinarji.

## Fl-"Orthodox Herald"

F'din ir-Rivista li hi l-publikazzjoni uffiċċjali ta' l-Arċidjoċesi Ortodossa Griega ta' Thyateira u l-Gran Brittanja, deher materjal abbundanti dwar il-Festi Ċentinarji ta' San Ġorġ Martri fil-Bażilika tal-Belt Victoria. Dan deher fil-ħarġa ta' Lulju - Awissu 2003, u deher kemm bil-Grieg kif ukoll bl-Ingliż. Dan kollu kien riżultat tal-presenza ta' l-Em. T. l-Arċisqof Gregorios, bħala rappreżentant tal-Patrijarka Ekumeniku, l-Qdusija T. Bartilmew, għall-Festi Ċentinarji ta' San Ġorġ li saru f'Lulju li għadda.

Insibu artiklu dettaljat ta' tliet paġni dwar is-sehem ta' l-Arċisqof Gregorios u tad-Djaknu li kellu miegħu, fil-jiem 14 sa 20 ta' Lulju, fiċ-ċelebrazzjonijiet kollha. Din id-deskrizzjoni dettaljata ngħatat bil-Grieg u bl-Ingliż u fiha jidher ċar l-apprezzament ta' dawn iż-żewġ prelati Ortodossi għaċ-ċelebrazzjonijiet li saru.

Hemm ukoll, bl-Ingliż, id-diskors li l-Arċisqof Gregorios għamel matul il-Velja Ekumenika ċelebrata mal-wasla minn Ruma tar-Relikwija nsinji tal-Qorriegħa ta' San Ġorġ. Bl-Ingliż ukoll hemm it-Talba lil San Ġorġ il-Megalomartri, li l-istess Arċisqof Gregorios għamel matul din iċ-ċelebrazzjoni.

Fil-parti tar-Rivista msejħa "mid-Djarju ta' l-Arċisqof Gregorios", kemm bil-Grieg kif ukoll bl-Ingliż, fid-dati 14-20 ta' Lulju, nerġgħu nsibu riferenzi twal għall-attivitajiet tal-Festi Ġorġjani li fihom ħa sehem dan l-Arċisqof Ortodoss li żamm u għadu jżomm kuntatti ta' ħbiberija vera ma' dawk li taw sehem attiv fl-attivitajiet imsemmija.

Inħossni ċert li publikazzjoni bħal din ta' l-"Orthodox Herald", se tibqa' bħala tifkira dejjiema taċ-Ċentinarju Ġorġjan li ċċelebrajna.

## Għeluq

Żgur li minbarra dawn it-tifkiriet dejjiema tas-Sbatax-il Ċentinarju tal-Martirju ta' San Ġorġ, hemm oħrajn li għadna ma ksibniex tagħrif dwarhom. Ngħid għalija, fil-Kollezzjoni "San Ġorġ fl-Arti u fil-Kultura" għandi miġburin kotba u oġġetti oħra li jfakkru okkażżjonijiet oħra ta' l-imgħoddi dwar San Ġorġ. Tgħid x'tgħid, bilfors ikollok tasal għal konklużjoni waħda: isem San Ġorġ matul medda ta' elf u seba' mitt sena baqa' jitfakkar u jgħaddi minn ġenerazzjoni għal oħra, kif nittama li nagħmlu aħna li għixna l-ġrajjiet tas-Sena 2003. ■

jaqbad minn paġna 3



It-tbatijiet fil-film ikomplu joħorġu ħafna għad-dawl fil-ġarr tas-salib tqil, kif ukoll fid-diversi waqat għal wiċċu fl-art ta' Ġesù. L-istess ngħidu għat-tismir ta' idejn u saqajn Ġesù. Kif ukoll għall-ġibda ta' id Ġesù biex din tlaħħaq mat-toqba li diġà kien hemm testa fis-salib. Xena waħda aktar vjolenti mill-oħra, xena waħda aktar makabra mill-oħra, xena waħda aktar imdemma mill-oħra. Fuq is-salib imbagħad tikompli toħroġ ix-xena tat-tbatija li għadda minnha Ġesù.

Mgħajjar u mfaħħar mill-ħalliel il-ħażin u t-tajjeb rispettivament. Jaħfer lill-għedewwa, jokrob li għandu l-għatx, jagħtina lil ommu u jerħi f'idejn Missieru l-ispirtu tiegħu. Fl-istess waqt ta' dan, is-sema tiddallam, riħ ivenven, terremot li jkexkex instema, id-diversi nies bdew jitilqu baxx baxx minn fuq il-Kalvarju. Kollox kien juri li s-sultan tas-slaten kien qed imut; iva dan il-film tassew iqajmek minn nagħas u l-bruda spiritwali u jimbuttak biex taħdem b'aktar serjetà għas-salvazzjoni ta' ruħek, salvazzjoni li ġabielna biss Ġesù. Għax jekk salvajt ruħek salvajt kollox, imma jekk tliftha, tlift ukoll kollox.



## Diversi flashbacks

Il-film għoġobni ħafna wkoll għad-diversi *flashbacks* li għandu. Hekk per eżempju: waqt li Ġesù kien fil-ġnien jitlob, ħabta u sabta joħroġ serp, jibda jitkaxkar, sa ma jasal ħdejn Ġesù u kważi jitla' fuq idu. Però dan is-serp lil Ġesù ma gidmux. X'irid jgħallem hawn Gibson. Ibda biex il-ġnien tal-Ġetsemani jfakkar fil-ġnien tal-Gheden. F'dak ta' l-Għeden is-serp daħak b'Adam u Eva, u daħal id-dnub u l-mewt. Mhux hekk ġara fil-ġnien tal-Ġetsemani, is-serp ma gidimx lil Ġesù, għaliex Ġesù rebaħ fuqu.

Xena oħra suġġestiva ħafna hja marbuta mal-ħasil. Pilatu ma setax jikkundanna lil Ġesù, induna li kien innoċenti, Martu Klawdja kompliet fetħitlu għajnejh. U sabiex juri li huwa ma kellux x'jaqsam mal-mewt ta' Ġesù, Pilatu ħasel idejh. Fl-istess waqt, Gibson iġib ukoll lil Ġesù jaħsel saqajn l-appostli, u igħidilhom biex huma wkoll jagħmlu bħalu. L-eżempju jkaxkar.

Xena oħra issa tmur fuq il-Madonna. Parti mqaxxra minn Maria Morgensten. Din, waqt li rat lil binha tiela bis-salib, qabdet il-ġebel f'idejha biex donna tixħithom lil-Lhud. Imma ma damitx, għaliex fetħet idejjha t-tnejn u dak il-ġebel dritt ħarab minn idejn Marija.

L-ikla ta' l-Għid tal-Lhud Ġesù flimkien mat-tnax, jintasbu kważi mindudin, jieklu l-ħobż ażżmu u jixorbu l-imbid. Kien il-mument ta' l-akbar u l-ogħla imħabba. Xena li tibqa' stampata fil-moħħ ta' min jaraha. L-aktar fil-mod ta' kif Ġesù jaqsam il-ħobż.

Għalhekk l-film bibliku ta' Mel Gibson, iqiegħed u joħroġ ħafna fil-beraħ ir-realtà tat-tbatija ta' Ġesù. Il-fidwa li huwa kisbilna bil-prezz divin tat-tixrid ta' demmu kollu. Film mela ta' siwi kbir spiritwali.

Nagħlaq bil-kumment li ta l-Papa Ġwanni Pawlu II li huwa wkoll ra dan il-film: "*It is as it was*".




# PELLEGRINAĠĠ GĦAL LOURDES 2004

**Inżuru wkoll:**

**BARTRES, PONT D'ESPAGNE, LUCHON U VAL D'ARAN (Spanja)**

**Mill-Ġimgħa 23 ta' Lulju sal-Ħamis 29 ta' Lulju**

***Booking fl-Uffiċċju Parrokkjali jew Mons Salv Borg***

# Rokna għat-Tfal

Kif intom, għeżież ħbieb tiegħi!

Nittama li tinsabu tajbin. Naħseb li meta tkunu qegħdin taqraw dawn il-kelmtejn, tkunu qegħdin tgawdu l-vaganzi ta' l-Għid. Kulħadd jieħu gost bil-vaganzi u kulħadd jistennihom bil-ħerqa, b'mod speċjali dawk l-istudenti medhijin fl-istudju. Ftit mistrieħ jieħu gost bih kulħadd.

Intant, jgħaddu l-vaganzi, jgħaddu u jitgerbu l-jiem u l-ġimgħat u f'kemm trodd salib sa nsibu ruħna niffesteġġjaw it-23 t'April, il-festa liturġika tal-Patrun tagħna San Ġorġ. Tinsewx li għadna fis-sena ċentinarja ta' dan it-Tribun Megalomartri li lejh aħna ta' spiss nirrikorru fil-ħtiġijiet tagħna, kemm tar-ruħ kif ukoll tal-ġisem.

Din is-sena t-23 t'April sa jaħbat il-Ġimgħa. Qis li tħallu kollox u tiġu l-knisja dak in-nhar u tieħdu sehem fil-Konċelebrazzjoni tas-6.00pm li sa titmexxa mill-Isqof Nikol Cauchi. Wara nkomplu niddevertu mal-banda "La Stella" fil-marċ li sa jkollna mat-toroq tal-Parroċċa.

Xtaqt infakkarkom li ftit jiem wara l-Għid, sewwa sew nhar il-Ħamis, 15 t'April, fil-Bażilika tagħna sa jkollna kunċert strumentali mill-"Purcell International School of Music" minn Londra. Tistgħu tiġu mal-ġenituri tagħkom għal din l-okkażjoni sabiħa li sa tibda fis-7.30pm.

Intant, naħseb li għal ħafna minnkom wasal iż-żmien li tirċievu l-Ewwel Tqarbina jew il-Griżma ta' l-Isqof. Importanti li tħejju ruħkom sewwa għal dawn iż-żewġ sagramenti. Issa tibdew tirrejalizżaw kemm huma mportanti l-lezzjonijiet tad-duttrina, kif ukoll il-laqgħat ta' tagħlim u formazzjoni li tmorru għalihom minn żmien għal żmien. Araw ukoll li ma tfallux bla bżonn mill-iskola għax habta u sabta ssibu ma wiċċkom l-eżamijiet ta' l-aħħar tas-sena. Iflu ftit ir-riżultat li ksibtu fl-eżamijiet ta' nofs is-sena u araw fejn stajtu mortu aħjar biex issa tirranġaw u tirrimedjaw għal ġejjieni, Ħadd ma jieħu gost iqatta' s-sajf jistudja biex jerġa' jagħmel xi eżami li jkun weħel minnu. Mela kuraġġ!

Ħalli issa ngħaddu għal kompetizzjoni li tista' trebbaħkom ktieb sabiħ bil-Malti mogħti mill-Klabb Kotba Maltin (Tel: 2155 1325).

Wieġeb dawn it-tliet mistoqsijiet u ibgħat it-tweġibiet lill-Editur, Il-Belt Victoria, Centru Parrpkkjali, Bażilika San Ġorġ, Victoria sa mhux iktar tard min nhar il-Ġimgħa 30 ta' April 2004.

1. Meta u fejn twieled l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi?
2. Kemm-il sena għadu kemm għalaq?
3. Ta' liema parroċċa f'Għawdex għamel żmien kappillan?

**Iz-Ziju Peppi**

*Il-kompetizzjoni tal-ħarġa ta' Jannar-Frar 2004 intrebħet minn: Diane Marie Grima, ta' 50, Triq Alfons M. Hili, Victoria. Il-premju jista' jinġabar mill-Uffiċċju Parrokkjali.*





Il-band tal-grupp taż-żgħażagħ 23four tanima l-quddiesa mmexxija minn Fr Charles Tabone fil-Knisja tan-Nazzarenu tas-Sliema ta' nhar il-Ħadd 21 ta" Marzu 2004. *(rapport dettaljat fil-ħarġa li jmiss)*

## TWISSIJIET

- La tħallix l-inkwiet jiġri bik, għax l-inkwiet ma jġib xejn miegħu ħlief inkwiet.
- La tibżax, għax bosta mill-ħwejjeġ li nibżgħu minnhom ma jseħħu qatt.
- La tippruvax issolvi aktar minn problema waħda. Ħalli l-oħrajn f'idejn il-Mulej sa ma jasal żmienhom.
- La tiħux il-problemi tiegħek fis-sodda miegħek, għax tispiċċa barra int.
- La tipprovax iġġorr il-problemi tad-dinja kollha int, għax Wieħed biss jiflaħ jagħmel dan.
- La tfittixx li terġa tgħix il-jum tal-bieraħ, għax fis-sewwa u fil-ħażin, dan għadda u spiċċa. Għix u ifraħ b'dak li jġiblek il-jum t'issa.
- La tħallix qalbek titmermer mill-burdati, għax il-miskin veru hu min jitħassar lilu nnifsu.
- Tgħallem għodd il-barkiet iż-żgħar, għax l-ikbar barka hija l-ġabra ta' ħafna żgħar.
- Isma' sew lil ta' madwarek, għax Alla jitkellem b'fomm l-oħrajn.

# FUNCTUS OPERE



**Lill-E.T. Mons. Nikol Ġużeppi Cauchi**
fi tmiem l-Episkopat tiegħu bħala Ragħaj Spiritwali tad-Djoċesi Għawdxija u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana

Missier maħbub tad-Djoċesi Għawdxija,
wasal iż-żmien li ttemm il-ġrajja tiegħek
li kisret sew il-ħamsa w tletin sena
fejn Alla ħabbek sħiħ u waqaf miegħek.

Iltqajna t-tnejn flimkien għall-ewwel darba
bla ebda ħsieb ta' xejn fuq ix-xandir:
għallimtni x'għandi ngħid u x'għandi nagħmel-
dan Alla ried u xtaq li kellu jsir.

U darba jien ukoll temmejt il-ġrajja
li kienet lili daħħlet f'ħolm l-imħabba;
u bħal ta' Pawlu nqalbet ħajti rżina
biex mixja oħra bdejt fejn ruħ titrabba.

Ilqajtni b'ferħ mhux żgħir f'dirgħajk maħbuba,
u tlaqna ma' xulxin il-mixja twila,
fejn jien intlaqt f'idejk ħa t-triq turini
u tnissel fija ferħ, tħabrik u ħila.

Għadni, Missier, inħoss l-għafsa fuq rasi
ta' idejk ħanina f'jum l-Ordinazzjoni:
minn dak il-waqt ġie fuqi Ruħ il-Qodos
biex joħloq fija spirtu w devozzjoni.

Minn dak in-nhar għaddiet kemm-il Rebbiegħa
u ħdimna t-tnejn fl-imħabba ta' xulxin:
ma lumna ħadd għax sfajna nterrqu b'għaqal
fid-dawl jiddi bil-ġmiel t'Alla l-ħanin.

Min jaf, Missier, matul il-ġrajja tiegħek,
kemm fraħt u bkejt, tħennejt u batejt sħiħ?
Min jaf kemm ħabbtet qalbek f'jiem sewdiena
u nfniet ukoll fl-iljieli mill-uġigħ!

Bħal Kristu tlajt it-telgħa tal-Kalvarju
magħkus bit-toqol kiefer tas-Salib;
għaliex ġagħluh, sibt darba lil min jgħinek
iġġorru ftit b'imħabba ta' ħabib.

Jekk inti tħares lura fuq il-medda
ta' snin imtawla, mħallta bid-dulur,
issib li dmirek qdejt sabiex għand Alla
b'idejk mgħebbija b'ħidma fejnu tmur.

Jekk darba titla' l-Għolja tal-Kalvarju
tkun tista' tisma' l-għajta tas-Sinjur:
"Kollox mitmum!" Hu jgħid u inti miegħu,
u tistrieħ dlonk u qalbek bl-hena tfur.

Berikni, Missier twajjeb, qabel titlaq,
biex "Fortiter et Suaviter" mingħajr tmiem
bil-qawwa tibqa' tidwi ma' dil-gżira,
biex niftakruha llum, kemm 'il quddiem.

It-tifkiriet ħelwin tal-jiem mgħoddija
ma jħassar ħadd kemm ħajti ttul u ddum:
bħalek nixtieq intemm il-ġrajja tiegħi,
u bħalek irrid ngħid: "Kollox mitmum!".

***Kan. Joe Mejlak***
17 ta' Frar 2004

*jaqbad mill-paġna ta' quddiem*

*Messaġġ minn*
***Monsinjur Ġużeppi Farrugia***

It-23 ta' April dalwaqt magħna u dan għalina jfisser appuntament ta' mħabba, speċjalment f'dan iż-żmien li fih qed infakkru l-1700 mill-bidu tal-glorja ta' dan il-jum. Il-glorja tiegħu hu San Ġorġ, il-martri li Alla gglorifika fis-sema u fuq l-art, il-patrun li tgħna bħala difensur tagħna, il-protettur li l-Għawdxin dejjem irrikorrew għall-interċessjoni setgħana tiegħu. Jum San Ġorġ, din is-sena, se jaħbat ta' fuq l-Ottava ta' l-Għid. Inżommu dan il-jum u l-jiem ta' madwaru f'moħħna!

Diġa għamilna festi kbar matul il-11-il xahar li għaddew u fadlilna mumenti importanti x'niċċelebraw f'rabta mat-tifkiriet ċentinarji. Nitkellmu aktar dwarhom 'il quddiem.

Importanti, iżda, li l-imħabba tagħna lejn San Ġorġ li nuru f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet ma tkunx imħabba magħluqa fiha nfisha (għax f'dal-kas ma tkunx tabilħaqq "nisranija") imma tkun imħabba li tgħaqqadna ma' Kristu u ma' xulxin u li tħeġġiġna aktar għall-ħidma tiegħu, jiġifieri għall-appostolat.

Intemm dawn il-kelmtejn billi nfakkar fl-appell li għamilt fl-aħħar ħarġa. L-appell tiegħi kien u jibqa' sabiex din is-sena ngħixuha bħala "żmien ta' tiġdid fil-ħidma pastorali tagħna", ħidma li nagħmluha f'kollaborazzjoni aħjar ma' dawk l-insara kollha li jwettqu appostolat f'din il-belt tagħna. Imma għandna niftakru li l-ġid spiritwali jiġi "m'hux bil-ħidma u l-impenn biss, imma wkoll, u l-aktar, permezz tat-talb".

*L-Arcipriet*